

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 227



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

3 ta' Settembru 2019

Werdej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- * Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1382 tat-2 ta' Settembru 2019 li jemenda ġerti Regolamenti li jipponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ġerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja 1

Rettifika

- * Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1296 tal-31 ta' Lulju 2019 b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijolgiċi fl-Ukrajna f'konformità mal-implementazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 204, 2.8.2019) 26
- * Rettifika tal-Linjal Gwida (UE) 2018/876 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju dwar id-Database tar-Reġistru tal-Istutuzzjoni u l-Affiljati (RIAD) (BĊE/2018/16) (ĠU L 154, 18.6.2018) 27

MT

L-Atti b'tipha ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Att mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1382

tat-2 ta' Settembru 2019

li jemenda ċerti Regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping jew anti-sussidji fuq ċerti prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/477 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri li l-Unjoni tista' tieħu relattivament għall-effett ikkombinat ta' miżuri kontra d-dumping jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja (¹).

Wara li kkonsultat il-Kumitat tas-Salvagwardji,

Billi:

1. SFOND U PROĊEDURA

- (1) Bir-Regolament (UE) 2019/159 (²), il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar għal perjodu ta' tliet snin. Dawn il-miżuri jieħdu l-forma ta' kwoti tar-rati tariffarji applikabbi għal perjodi spċifici, li permezz tagħhom ikun dovut dazju tariffarju l fuq mill-kwota ta' 25 % meta l-importazzjonijiet jaqbżu livell limitu spċifikat li jkun jikkorrispondi mal-livell medju ta' importazzjonijiet fis-snin 2015 sa 2017.
- (2) Il-miżuri anti-dumping u/jew kumpensatorji bħalissa huma fis-seħħi għal xi wħud mill-kategoriji ta' prodotti koperti mill-miżuri ta' salvagwardja. Għaldaqstant, għal dawn il-prodotti, ladarba jinqabżu l-kwoti tariffarji stabbiliti skont il-miżuri ta' salvagwardja, kemm id-dazju tariffarju l fuq mill-kwota kif ukoll id-dazju anti-dumping jew kumpensatorju jsiru pagħabbli fuq l-istess importazzjonijiet. Kif enfasizzat fir-Regolament (UE) 2019/159 (³), tali akkumulazzjoni ta' miżuri anti-dumping u/jew miżuri anti-sussidji mal-miżuri ta' salvagwardja imposti mill-istess regolament tista' twassal għal effett fuq il-kummerċ akbar milli huwa mixtieq, u għalhekk dan jimmerita skrutinju fi żmien debitu.
- (3) Għaldaqstant, fl-24 ta' April 2019, il-Kummissjoni ppubblikat Avviż (⁴) dwar l-effetti kkombinati potenzjali tal-miżuri anti-dumping u/jew anti-sussidji mal-miżuri ta' salvagwardja fuq il-kategoriji tal-prodotti kkonċernati. Għall-faċilità ta' riferiment, dawn il-kategoriji tal-prodotti huma elenkti fl-Anness 1.A. Fl-Avviż tagħha tal-24 ta' April 2019, il-Kummissjoni kkonfermat li hemm raġunijiet biex tqis li l-kombinazzjoni ta' dawn il-miżuri jista' tabilħaqq ikollha effett akbar minn dak mahsūb jew mixtieq fit-termini tal-politika u l-objettivi ta' difiża tal-kummerċ tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament (UE) 2015/477, u li jista' jkun xieraq li l-miżuri anti-dumping u kumpensatorji attwali li jkopru dawn il-kategoriji ta' prodotti, li huma wkoll effettwati minn miżuri ta' salvagwardja, jiġu emendati bil-għan li tiġi għgarantita l-proporzjonalità tal-miżuri kkonċernati.
- (4) Bl-istess Avviż, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq.

(¹) ĠUL 83, 27.3.2015, p. 11.

(²) ĠUL 31, 1.2.2019, p. 27

(³) ĠUL 31, 1.2.2019, p. 53, il-premessa 186.

(⁴) ĠU C 146, 26.4.2019, p. 5

2. IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

- (5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn 12-il parti interessata u debitament qiset l-argumenti tagħhom. Fost dawn il-partijiet hemm ħames prodduturi esportaturi, gvern barrani wieħed, assoċjazzjoni Ewropea ta' prodduturi tal-azzar, erba' utenti jew importaturi tal-azzar fl-UE, kif ukoll assoċjazzjoni waħda tal-utenti tal-azzar.
- (6) Il-maġġoranza tal-partijiet interessati qablu li l-kombinazzjoni ta' miżuri anti-dumping jew anti-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja, fuq l-istess prodotti, jista' jkollhom effett akbar minn dak maħsub jew mixtieq fit-termini tal-politika u l-objettivi ta' protezzjoni tal-kummerċ tal-Unjoni. Xi partijiet interessati nnutaw li tali kombinazzjoni ta' miżuri tista' tkun ta' piżi eċċessivament kbir fuq ċerti prodduturi esportaturi li jfittxu li jesportaw lejn l-Unjoni, li jista' jkollu l-effett li jċahhdilhom l-aċċess għas-suq tal-Unjoni.
- (7) Importatur mil-Litwanja qabel li kombinazzjoni ta' miżuri anti-dumping/anti-sussidji u ta' salvagwardja mhijiex mixtieqa, u talab korrezzjoni retroattiva tal-effett ikkombinat tal-miżuri billi jirrimborża lill-importatur bl-ammont eċċessiv tad-dazju mħallas.
- (8) Bi tweġiba għal din it-talba, il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/477 jillimita b'mod ċar kull miżura adottata skont dan ir-regolament biex tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u li ma jistax iservi bħala bażi għar-rimborż ta' dazji miġbura qabel dik id-data, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Kummissjoni. Peress, li, għalhekk, kull effett li jirriżulta minn dan ir-rieżami huwa limitat għal applikazzjoni prospettiva tal-miżuri paralleli kkonċernati, it-talba tal-produttur esportatur ma ntlaqgħetx.
- (9) Produttur esportatur mir-Russia sostna li sabiex jiġi żgurati l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali, u biex jiġi evitat akkost ta' kollo l-effett ikkombinat tal-miżuri anti-dumping u/jew anti-sussidji mal-miżuri ta' salvagwardja, jenħtieġ li il-Kummissjoni minnufi temenda l-miżuri anti-dumping eżistenti, irrispettivament minn jekk il-kwoti tariffarji għall-prodotti koperti mis-salvagwardja inkwistjoni jiġux eżawriti jew le.
- (10) Dan il-produttur esportatur irrefera spċificament għal dazji anti-dumping imposti fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russia u l-Ukrajna imposti mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 (¹).
- (11) Il-Kummissjoni fakkret, f'dan ir-rigward, li l-effett tal-miżuri ta' salvagwardja jirriżulta biss ladarba l-livell rilevanti tal-kwota tar-rata tariffarja jkun eżawrit (spċificu jew *erga omnes*) u jiġi impost id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota li hu applikabbli. Il-Kummissjoni tqis li, sabiex jiġi rimedjat l-effett ta' importazzjonijiet ingħusti li huma l-loggħett ta' dumping/sussidjati, sa dak il-mument jibqa' jkun meħtieġ u ġustifikat il-livell kollu tal-miżuri anti-dumping/anti-sussidji applikabbli. Il-kwistjoni tal-effett ikkombinat, għalhekk, issir rilevanti biss ladarba l-limitu kwantitattiv applikabbli jiġi eżawrit u jiġi applikati dazji addizzjonali ta' salvagwardja.
- (12) Fossevazzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni żiedet li l-livell ta' importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti esportati mill-produttur esportatur Russu sa issa baqa' taħt il-livell tal-kwota tariffarja applikabbli. Għalhekk din it-talba ma ntlaqgħetx.
- (13) Diversi partijiet interessati argumentaw li huma soġġetti għal rimedji doppi peress li, għal xi prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti, japplikaw kemm id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi hawn fuq kif ukoll l-hekk imsejħa "miżuri ta' riekwilibru" introdotti skont ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/886 (²). Għalhekk huma argumentaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni tissospendi wkoll dawn il-miżuri tal-aħħar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (14) Il-Kummissjoni osservat li "miżuri ta' riekwilibru" u miżuri anti-dumping/anti-sussidji bażikament isegwu għanijiet ta' politika differenti u għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu ta' rieżami li jfitter li jivvaluta l-proporzjonalità tal-miżuri anti dumping/anti-sussidji kkombinati flimkien ma' miżuri ta' salvagwardja introdotti mir-Regolament (UE) 2019/159. F'dan ir-rigward, huwa mfakkar li miżuri anti dumping/anti-sussidji jfittxu li jittrattaw azzjonijiet kummerċjali "ingħusti" minn operaturi jew pajjiżi partikolari. B'kuntrast ma' dan, "miżuri ta' riekwilibru" jippruvaw jekwilibrav il-bilanċ tal-konċessjonijiet u l-obbligi bejn l-Unjoni u membru ieħor tad-WTO permezz tas-sospensjoni ta' konċessjonijiet jew obbligi oħra sostanzjalment ekwivalenti (³) wara li tkun ittieħdet azzjoni unilaterali minn dak il-memburu tad-WTO li jifixxel dan il-bilanċ bejn il-konċessjonijiet u l-obbligi. Dan huwa rifless ukoll fil-bażiżiet legali differenti tal-miżuri tal-aħħar, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴). Madankollu, id-dispożizzjoni tar-Regolament (UE) 2015/477, li

(¹) ĠUL 258, 6.10.2017, p. 24.

(²) ĠUL 158, 21.6.2018, p. 5.

(³) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 2018/724 (ĠUL 122, 17.5.2018, p. 14) u (UE) 2018/886.

(⁴) ĠUL 189, 27.6.2014, p. 50.

jikkostitwixxi l-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament, speċifikament jirrigwardaw biss l-effett ikkombinat tal-miżuri anti-dumping u/jew anti-sussidji mal-miżuri ta' salvagwardja dwar l-istess kategoriji ta' prodott elenkti fl-Anness 1.A. Minħabba s-sitwazzjoni u l-għan differenti li jirfdu dawn il-miżuri differenti, is-sospensjoni tal-“miżuri ta' riekwilibriju” kkonċernati taqa' barra mill-ambitu ta' dan ir-rieżami. L-effett ikkombinat tal-miżuri ta' salvagwardja u ta' riekwilibriju ma jistax għalhekk jiġi indirizzat skont il-qafas legali speċifiku tar-Regolament (UE) 2015/477. Id-dikjarazzjoni għalhekk ma ntaqgħetx.

3. KONKLUŻJONIJIET

- (15) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, u wara li debitament qieset il-preżentazzjonijiet kollha mill-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tikkonferma li hemm raġunijiet bizzarejjed biex tqis li l-kombinazzjoni ta' miżuri anti-dumping u/jew miżuri anti-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja introdotti bir-Regolament (UE) 2019/159 għall-kategoriji tal-prodotti elenkti fl-Anness 1.A tabilħaqq ikollha effett akbar minn dak maħsub jew mixtieq fit-termini tal-politika u l-objettivi ta' difiża tal-kummerċ tal-Unjoni, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2015/477. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li huwa xieraq li jiġi stabbiliti miżuri biex tiġi evitata l-applikazzjoni parallela tal-miżuri anti-dumping u/jew tal-miżuri kumpensatorji elenkti fl-Anness 2 mad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota għall-kategoriji ta' prodotti tal-azzar elenkti fl-Anness 1.A.
- (16) Konsegwentement, meta r-rata tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmija fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 issir applikabbli għall-kategoriji tal-prodotti elenkti fl-Anness 1.A u taqbeż ir-rata ekwivalenti għal-livell l-aktar għoli tar-rata d-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorja applikabbli għall-istess kategoriji ta' prodotti, għandu jingħabar biss id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota. Fi kliem ieħor, f-xenarju fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota ta' hawn fuq ikun jirrappreżenta 25 % u r-rata ekwivalenti tad-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorju applikabbli għall-istess kategoriji ta' prodotti tkun tirrappreżenta 10 %, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota biss għandu jingħabar. F'tali sitwazzjoni, il-ġbir tal-miżura anti-dumping u/jew anti-sussidji applikabbli għandu jiġi sospiż għall-perjodu tal-applikazzjoni tad-dazju tariffarju msemmi hawn fuq.
- (17) Meta r-rata tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmija fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 issir applikabbli għall-kategoriji tal-prodotti elenkti fl-Anness 1.A u tkun aktar baxxa mir-rata ekwivalenti tad-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorju applikabbli għall-istess kategoriji ta' prodotti, jenħtieġ li jkun dovut id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota kollu kemm hu, biż-żieda tad-differenza bejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota u l-livell l-aktar għoli tad-dazju anti-dumping/anti-sussidji fis-seħħ, kif previst fl-Anness 2. Fi kliem ieħor, fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota jkun jirrappreżenta 25 % u l-livell l-aktar għoli tar-rata ekwivalenti tar-rata tad-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorja applikabbli għall-istess kategoriji ta' prodotti tkun tirrappreżenta 35 %, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota ta' 25 % jenħtieġ li jkun parallel mad-differenza miżjudha ta' 10 % bejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota u r-rata ekwivalenti tar-rata ta' dazju anti-dumping u/jew kumpensatorja applikabbli. F'sitwazzjoni bħal din, il-ġbir tal-parti tal-miżura anti-dumping u/jew anti-sussidji applikabbli li mhix applikabbli jenħtieġ tiġi sospiż b'tali mod li tiggarantixxi li l-effett ikkombinat taż-żewġ miżuri ma jkun jaqbeż dak li jkun l-oħla mil-livell tad-dazju anti-dumping/anti-sussidji fis-seħħ.
- (18) Biex jiġi evitat kull dubju, ladarba jieqaf japplika d-dazju tariffarju ta' salvagwardja 'l fuq mill-kwota, il-ġbir sospiż tal-miżura rispettiva anti-dumping/anti-sussidji ma jibqax fis-seħħ b'effett immedjat. Minn dak il-mument, il-ġbir tal-miżuri anti-dumping/anti-sussidji applikabbli japplikaw bħas-soltu.
- (19) Fejn ikunu applikabbli miżuri kkombinati anti-dumping u anti-sussidji fuq l-istess prodott minn ċerti pajjiżi, ir-regolamenti rilevanti elenkti fl-Anness 1.B jipprovu l-modalitajiet tal-applikazzjoni tagħhom sabiex jevitaw l-għadd doppju. Fkażżejjiet fejn ir-rata tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota tkun inqas mid-dazji anti-dumping u kumpensatorji kkombinati, l-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, jew ta' parti minnu, għandu jkollha priorità fuq tal-ewwel.
- (20) Fejn il-miżuri anti-dumping u/jew anti-sussidji applikabbli jikkonsistu fdazju fiss, il-Kummissjoni kkonvertiet dan tal-aħħar fdazju ad valorem u qabblet id-dazju ad valorem li jirriżulta mad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota. Fejn id-dazju ad valorem li rriżulta kien oħla mid-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota, id-dazju anti-dumping u/jew anti-sussidji mnaqqas skont il-premessa (16) għie kkonvertit lura għal dazju fiss.
- (21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għal kategoriji ta' prodotti stipulati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2019/159 u jaqbeż il-livell ekwivalenti *ad valorem* tad-dazji anti-dumping/anti-sussidji elenkti fl-Anness 2, għandu jinġabar biss id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.
2. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-ġbir tad-dazji imposti skont ir-Regolamenti elenkti fl-Anness 1.B ta' dan ir-Regolament għandu jiġi sospiż.
3. Fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-kategoriji ta' prodotti stipulati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2019/159 u jiġi stabbilit flivell aktar baxx mil-livell ekwivalenti *ad valorem* tad-dazji anti-dumping/anti-sussidji elenkti fl-Anness 2, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 għandu jinġabar flimkien mad-differenza bejn dak id-dazju u l-ogħla wieħed mil-livelli ekwivalenti *ad valorem* tad-dazji anti-dumping u tad-dazji anti-sussidji elenkti fl-Anness 2.
4. Il-parti tal-ammont ta' dazji anti-dumping/anti-sussidji li ma tinġabarx skont il-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża.
5. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu limitati fiż-żmien għall-perjodu tal-applikazzjoni tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.

Artikolu 2

Kull miżura adottata skont dan ir-Regolament għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u ma jkollhiex effett retroattiv.

Kull miżura adottata skont dan ir-Regolament ma għandhiex isservi bħala bażi għar-rimborż ta' dazji miġbura qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS 1.A

Lista ta' kategoriji ta' prodotti soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja definittivi

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Llaminati bil-Kesħa	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00
3	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10, 7225 19 90, 7226 19 80
4	Folji Miksija Metalliċi	7210 20 00, 7210 30 00, 7210 41 00, 7210 49 00, 7210 61 00, 7210 69 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 30 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 61, 7212 50 69, 7212 50 90, 7225 91 00, 7225 92 00, 7225 99 00, 7226 99 10, 7226 99 30, 7226 99 70
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80
6	Prodotti Stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Shana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80
10	Pjanċi Kwarto Inossidabbli Llaminati bis-Shana	7219 21 10, 7219 21 90
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10, 7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61, 7228 30 69, 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00
13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10
14	Bars Stainless u Forom Ħfief	7222 11 11, 7222 11 19, 7222 11 81, 7222 11 89, 7222 19 10, 7222 19 90, 7222 20 11, 7222 20 19, 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81, 7222 20 89, 7222 30 51, 7222 30 91, 7222 30 97, 7222 40 10, 7222 40 50, 7222 40 90
15	Vireg tal-Wajer Stainless	7221 00 10, 7221 00 90

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
16	Vireg tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50, 7227 90 95
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Hadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90
18	Gzuz ta' Pjanċi	7301 10 00
19	Materjali tal-Ferrovija	7302 10 22, 7302 10 28, 7302 10 40, 7302 10 50, 7302 40 00
20	Pajpijiet tal-gass	7306 30 41, 7306 30 49, 7306 30 72, 7306 30 77
21	Pajpijiet vojta minn ġewwa	7306 61 10, 7306 61 92, 7306 61 99
22	Tubi u Pajpijiet Inossidabbi Mingħajr Saldatura	7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, 7304 41 00, 7304 49 10, 7304 49 93, 7304 49 95, 7304 49 99
24	Tubi Oħra Mingħajr Saldatura	7304 19 10, 7304 19 30, 7304 19 90, 7304 23 00, 7304 29 10, 7304 29 30, 7304 29 90, 7304 31 20, 7304 31 80, 7304 39 10, 7304 39 52, 7304 39 58, 7304 39 92, 7304 39 93, 7304 39 98, 7304 51 81, 7304 51 89, 7304 59 10, 7304 59 92, 7304 59 93, 7304 59 99, 7304 90 00
25	Tubi kbar iwweldjati	7305 11 00, 7305 12 00, 7305 19 00, 7305 20 00, 7305 31 00, 7305 39 00, 7305 90 00
26	Pajpijiet Oħra Iwweldjati	7306 11 10, 7306 11 90, 7306 19 10, 7306 19 90, 7306 21 00, 7306 29 00, 7306 30 11, 7306 30 19, 7306 30 80, 7306 40 20, 7306 40 80, 7306 50 20, 7306 50 80, 7306 69 10, 7306 69 90, 7306 90 00
27	Żbarri mhux Illigati u oħrajn illigati b'finatura bil-keshha	7215 10 00, 7215 50 11, 7215 50 19, 7215 50 80, 7228 10 90, 7228 20 99, 7228 50 20, 7228 50 40, 7228 50 61, 7228 50 69, 7228 50 80
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90

ANNESS 1.B

Lista tar-regolamenti li jimponu miżuri anti-dumping u anti-sussidji fuq il-prodotti soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja

- 1) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbia, ĠU L 258, 6.10.2017, p. 24;
- 2) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definitivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17;
- 3) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa, ĠU L 210, 4.8.2016, p. 1;
- 4) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/186 tas-7 ta' Frar 2018 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 34, 8.2.2018, p. 16;
- 5) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/687 tat-2 ta' Mejju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar miksi b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 116, 3.5.2019, p. 5;
- 6) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/688 tat-2 ta' Mejju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' azzar miksi b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 116, 3.5.2019, p. 39;
- 7) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/336 tas-27 ta' Frar 2017 li jimponi dazju antidumping definitiv u l-ġbir definitiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 50, 28.2.2017, p. 18;
- 8) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbi rrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan, ĠU L 224, 27.8.2015, p. 10;
- 9) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1246 tat-28 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' żbarri u vireg tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi għar-rinfurzar tal-konkrit li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 204, 29.7.2016, p. 70;
- 10) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1019 tas-16 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazju antidumping definitiv u jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja, ĠU L 155, 17.6.2017, p. 6;
- 11) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1141 tas-27 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazju kompensatorju definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti staneg u vireg tal-azzar li ma jsaddadx li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 165, 28.6.2017, p. 2;
- 12) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1846 tal-14 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, ĠU L 268, 15.10.2015, p. 9;

- 13) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/110 tas- 26 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju definitiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fil-Bjelorussja, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u r-Russja u li jtemm il-proċediment fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw fl-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, ĠU L 20, 27.1.2015, p. 6;
- 14) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/330 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 63, 6.3.2018, p. 15;
- 15) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1469 tal-1 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju definitiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukrajna wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 246, 2.10.2018, p. 20;
- 16) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/804 tal-11 ta' Mejju 2017 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijet u tubi tal-ħadid mingħajr għonġituri (ħlief tal-ħadid fondut) jew tal-azzar (ħlief tal-azzar inossidabbli), ta' sezzjoni trasversali tonda, ta' dijametru estern li jaqbeż l-406,4 mm, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 121, 12.5.2017, p. 3;
- 17) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/251 tat-12 ta' Frar 2019 li jirrigwarda d-dazji definitivi antidumping imposti fuq importazzjonijiet minn Hubei Xinyegang Steel Co., Ltd u li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/2272 li jimponi dazju definitiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ĠU L 42, 13.2.2019, p. 25; kif ukoll
- 18) IR-REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/865 tal-4 ta' Ġunju 2015 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegħi tal-wajer tal-azzar mhux illigat (wajers u swiegħi PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, ĠU L 139, 5.6.2015, p. 12.

ANNESS 2

Rati ta' dazji anti-dumping u/jew kompensatorji applikabbi sakemm ikun applikabbi dazju ta' salvagwardja fuq l-istess prodott

ANNESS 2.1

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, L-Iran, ir-Russja u L-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja (ĠU L 258, 6.10.2017, p. 24)

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC	Rata tad-dazju definitiva – euro għal kull tunnellata netta	Ekwivalenti tar-rata tad-dazju f'dazju Ad Valorem	Id-dazju anti-dumping l-adarba ssir applikabbi l-miżura ta' salvagwardja - euro kull tunnellata netta
Il-Brażil	ArcelorMittal Brasil S.A.	C210	54,5	16,3 %	0,00
Il-Brażil	Aperam Inox América do Sul S.A.	C211	54,5	16,3 %	0,00
Il-Brażil	Companhia Siderúrgica Nacional	C212	53,4	15,70 %	0,00
Il-Brażil	Usinas Siderúrgicas de Minas Gerais S.A. (USIMINAS)	C213	63	17,50 %	0,00
Il-Brażil	Gerdau Açominas S.A.	C214	55,8	—	0,00
Il-Brażil	Il-kumpaniji Brażiljani l-oħrajn kollha	C999	63	17,50 %	0,00
L-Iran	Mobarakeh Steel Company	C215	57,5	17,90 %	0,00
L-Iran	Il-kumpaniji Iranjani l-oħrajn kollha	C999	57,5	17,90 %	0,00
Ir-Russja	Novolipetsk Steel	C216	53,3	15 %	0,00
Ir-Russja	Public Joint Stock Company Magnitogorsk Iron & Steel Works (PJSC MMK)	C217	96,5	33 %	23,39
Russia	PAO Severstal	C218	17,6	5,30 %	0,00
Ir-Russja	Il-kumpaniji Russi l-oħrajn kollha	C999	96,5	33 %	23,39
L-Ukrajna	Metinvest Group	C219	60,5	19,40 %	0,00
L-Ukrajna	Il-kumpaniji Ukreni l-oħrajn kollha	C999	60,5	19,40 %	0,00

ANNESS 2.2

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/969 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jimponi dazji kumpensatorji definitivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 17)

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC	Dazju kumpensatorju definitiv oriġinali	Dazju anti-dumping definitiv oriġinali	Id-dazju kumpensatorju ladarba ssir applikabbli l-miżura ta' salvagwardja	Id-dazju anti-dumping ladarba ssir applikabbli l-miżura ta' salvagwardja
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Bengang Steel Plates Co., Ltd.	C157	28,10 %	0,00 %	3,10 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd.	C158	7,80 %	10,30 %	0,00 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hesteel Co., Ltd. Tangshan Branch	C159	7,80 %	10,30 %	0,00 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hesteel Co., Ltd. Chengde Branch	C160	7,80 %	10,30 %	0,00 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhangjiagang Hongchang Plate Co., Ltd.	C161	4,60 %	31,30 %	4,60 %	6,30 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhangjiagang GTA Plate Co., Ltd.	C162	4,60 %	31,30 %	4,60 %	6,30 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shougang Jingtang United Iron and Steel Co. Ltd.	C164	31,50 %	0,00 %	6,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Beijing Shougang Co. Ltd., Qian'an Iron & Steel branch	C208	31,50 %	0,00 %	6,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Angang Steel Company Limited	C150	17,10 %	10,80 %	2,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd.	C151	35,90 %	0,00 %	10,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiangyin Xingcheng Special Steel Works Co., Ltd.	C147	35,90 %	0,00 %	10,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd.	C163	35,90 %	0,00 %	10,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Maanshan Iron & Steel Co., Ltd	C165	17,10 %	10,80 %	2,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Rizhao Steel Wire Co., Ltd.	C166	17,10 %	10,80 %	2,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Rizhao Baohua New Material Co.,	C167	17,10 %	10,80 %	2,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tangshan Yanshan Iron and Steel Co., Ltd.	C168	35,90 %	0,00 %	10,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd.	C156	17,10 %	10,80 %	2,90 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Il-kumpaniji l-oħra kollha	C999	35,90 %	0,00 %	10,90 %	0,00 %

ANNESS 2.3

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 1)

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC	Dazju anti-dumping definitiv oriġinali	Id-dazju anti-dumping ladarba ssir applikabbi l-miżura ta' salvagwardja
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Angang Steel Company Limited, Anshan	C097	19,70 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tianjin Angang Tiantie Cold Rolled Sheets Co. Ltd., Tianjin	C098	19,70 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hebei Iron and Steel Co., Ltd., Shijiazhuang	C103	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd., Handan	C104	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai	C105	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Meishan Iron & Steel Co., Ltd., Nanjing	C106	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	BX Steel POSCO Cold Rolled Sheet Co., Ltd., Benxi	C107	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Bengang Steel Plates Co., Ltd, Benxi	C108	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	WISCO International Economic & Trading Co. Ltd., Wuhan	C109	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Maanshan Iron & Steel Co., Ltd., Maanshan	C110	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tianjin Rolling-one Steel Co., Ltd., Tianjin	C111	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhangjiagang Yangtze River Cold Rolled Sheet Co., Ltd., Zhangjiagang	C112	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd., Baotou City	C113	20,50 %	0,00 %
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Il-kumpaniji l-oħra kollha	C999	22,10 %	0,00 %
